MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 362/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Alan Apap**
**Christan Urry**

**Kumpilazzjoni Nru: 362/2011**

**Illum, 21 ta' Lulju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Alan Apap** ta' 24 sena iben Louis u Maria Concetta nee' Mamo, imwieled il-Pieta'nhar is-16 ta' Lulju 1986, residenti

gewwa 5, Triq il-Geranju, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 321186(M); u

**Christan Urry** ta’ 21 sena, bint Tarcisio u Jane nee’ Balzan, imwielda il-Pieta’ nhar il-11 ta’ Ottubru 1989, residenti gewwa 27, My Rest, Triq Melita, Rahal il-Gdid u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 476689(M).

Akkużati talli:

Nhar it-12 ta’ Frar 2011, ghall-habta tas-19:00 ta’ filghaxija, minn gewwa l-isptar San Vincenz De Paul, li jinsab fi Triq l-Ingiered, Luqa, ikkommettew serq ta’ oggetti minn fuq Spiridiona Micallef, persuna li tinsab rikoverata fl-istess sptar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ta’ l-oggetti misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ l-imsemmija Spiridiona Micallef u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar il-15 ta’ Frar 2011, ghall-habta ta’ l-16:15 ta’ wara nofs inhar, minn gewwa l-isptar San Vincenz De Paul, li jinsab fi Triq l-Ingiered, Luqa, ikkommettew serq ta’ oggetti minn fuq il-persuna ta’ Margherita Camilleri, anzjana ta’ 75 sena residenti gewwa l-istess sptar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ta’ l-oggetti misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ l-imsemmija Margherita Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar is-17 ta’ Frar 2011, ghall-habta tas-17:45 ta’ wara nofs inhar, minn gewwa r-residenza ta’ l-anzjani bl-isem Dar Familja Mqaddsa li tinsab fi Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, Naxxar, ikkommettew serq ta’ oggetti minn fuq il-persuna ta’ Michelina Valletta, anzjana ta’ 90 sena residenti gewwa l-istess dar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ta’ l-oggetti misruqa

jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ l-imsemmija Michelina Valletta u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar id-19 ta’ Frar 2011, f’xi hin bejn nofs inhar u s-14:00 ta’ wara nofs inhar, minn gewwa r-residenza ta’ l-anzjani bl-isem Dar Familja Mqaddsa li tinsab fi Triq il-Markiz Giuseppe Scicluna, Naxxar, ikkommettew serq ta’ oggetti minn gewwa kamra numru 347, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ta’ l-oggetti misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Antonia Iris Zammit Endrich, anzjana ta’ 80 sena residenti fl-istess dar u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar it-22 ta’ Frar 2011, f’xi hin bejn is-14:15 u l-17:00 ta’ wara nofs inhar, minn gewwa Dar ta’ l-Anzjani ta’ Bormla li tinsab fi Pjazza Santa Margerita’, Bormla, ikkommettew serq ta’ oggetti minn fuq il-persuna ta’ Adelina Simiana, anzjana ta’ 75 sena residenti fl-istess dar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur ta’ l-oggetti misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ l-imsemmija Adelina Simiana u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar it-23 ta’ Jannar 2011, ghall-habta tas-19:15 ta’ filghaxija, minn gewwa l-fond numru 25, appartament numru 5 fi Triq il-Vitorja, Isla, ikkommettew serq ta’ flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Francesca Vella mill-Isla u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli saru recidivi ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija mill-

Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 18, 49, 50. 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-amissjoni anke wara l l-Qorti taghhom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement prouvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta’ xejn huma ta’ importanza konsiderevoli n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u minn kienu l-vittmi in kwistjoni.

Illi min-naha l-ohra fattur ta’ certu importanza ukoll huwa l-fatt li l-imputati ghandhom problema b’l-abbuz tad-droga u li kien dan il-vizzju qerriedi li wassalhom biex jikkommettu r-reati in ezami. L-imputati llum jirrikonoxxu li ghandhom problema u fil-fatt bdew programm ta’ riabililtazzjoni; minn dak li semghet llum il-Qorti jidher li z-zewg imputati qed jaghmlu progress notevoli.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tar-reati in ezami u ta’ minn kienu l-vittmi in kwistjoni, l-unika piena li tista tigi inflitta hija dik ta’ prigunerija effettiva. Pero f’l-istess hin il-Qorti hija konsapevoli ukoll li jkun f’l-interess mhux biss ta’

l-imputati imma tas-socjeta in generali li l-imputati jkollhom l-opportunita li jkomplu bil-programm ta' riabilitazzjoni biex ix-xoghol li beda jsir ma jintilifx u huma jkollhom l-opportunita li jirrabililltaw ruhhom b'mod effettiv. Konsegwentement l-Qorti qed tirrakkomanda kemm lid-direttur tal-Facilita Korrettiva tal-Kordin kif ukoll lid-dirigenti ta'l-agenzija Caritas biex isiru dawk l-arragamenti kollha necessarji biex l-imputati ikunu jistghu jkomplu bil-programm ta' riabilitazzjoni li diga bdew waqt li jiskontaw l-piena li ser tigi inflitta u dan ghall-perjodu kollu tas-sentenza li ser tinghata. Tirrakkomanda ukoll li jekk huma mehtiega xi procedur-i amministrattivi biex dan ikun jista' jsir, dawn isir b'mod spiccattiv b'mod li ma jkun hemm interruzzjonijiet twal fit-tkomplija tal-programm da parti ta'l-imputati.

Illi l-piena stabbilita ghar-reati in ezami hija dik minn hames xhur sa tlett snin prigunerija li fid-diskrezzjoni tal-Qorti u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' toghla bi grad jew tnejn u b'applikazzjoni ta' 50 ta'l-istess Kapitolu 9 tista' toghla bi grad jew tnejn ohra. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tizdied b'zewg gradi biex b'hekk tigi bejn disgha xhur u hames snin; il-piena stabbilita ma tistax tinghata fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50. 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tmintax il-xahar prigunerija u tirreferi ghar-rakkomandazzjonijiet fuq maghmula lid-direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u lid-dirigenti ta' l-Agenzija Caritas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------